# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar 2002.**

**Numru**

**Citaz. numru 1155/84 DS**

Reginald Micallef u Walter Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Formosa and Camilleri Ltd. agenti Malta tas-socjeta` assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha d-ditta Camilleri Stores u b'nota tat-23 ta' Jannar 2002 assumiet l-atti tal-kawza s-socjeta' Atlas Insurance Agency Ltd. agenti f'Malta tas-socjeta assikuratrici estera AXA Insurance p.l.c. u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha d-ditta Camilleri Stores.
vs
Godwin Abela u John Cavallo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd.

Illum, 25 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-17 ta’ Awissu 1984 li permezz taghha l-atturi nomine wara li ppremettew:

Illi d-ditta Camilleri Stores Importat gewwa Malta mill-Hong Kong (7) bales hwejjeg tal-Qorton (Cotton piece goods) fuq il-vapur Benny Skou kif jirrizulta mill-polza tal-kariku Dok. A.

Illi meta din il-merkanzija giet skarigata mill-vapur, u hawnhekk skond il-joint tally (Dok. B) is-seba bales kollha nizlu mill-vapur, u giet kunsenjata mill-kuntrattur tal-port lill-importatur zewg (2) bales ma nstabux kif jirrizulta mic-certifikat tad-Dwana (Dok C.), l-endorsement tar-Release Form tad-Dwana (Dok D) u l-ittra tal-konvenuti stess (Dok. E).

Illi ghal dan in-nuqqas il-kumpanija assikurattrici kif kienet obbligata, hallset lill-importatur is-somma ta’ sitt mija u seba u tmenin lira u ghaxar centezmu (Lm687.10) u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-importatur (Dok. F).

Illi l-konvenuti nomine huma responsabbli ghal dan in-nuqqas.

talbu lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddkjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghan-nuqqas fuq indikat;

2. tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-atturi nomine is-somma ta’ Lm687.10,0, bl-interessi kummercjali skond il-ligi, mid-data tal-pagament bhala danni sofferti mill-importatur u surrogati lill-atturi nomine fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

1. Illi t-talbiet attrici, in kwantu diretti kontra s-socjeta The Cargo Handling Co. Ltd., huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi s-socjeta’ The Cargo Handling Co. Ltd., ikkonsenjat il-merkanzija fl-istess stat u ammont illi rcevitu.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-21 ta' Jannar 1985 fejn gie nominat Dr. Malcolm Pace bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talba ta' l-atturi wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Dicembru 1998 fejn ghall-imsemmi perit legali giet sostitwita Dr. Yana Micallef Stafrace;

Rat il-verbal tad-19 ta' Ottubru 2001 meta deher Dr. Malcolm Pace li rritorna l-process li kien ghadu jinsab fil-pussess tieghu u ddikjara li kien hejja relazzjoni;

Rat id-digriet ta' l-istess jum fejn, in vista tal-fatt li l-inkarigu tieghu kien diga` gie revokat u sahansitra nzammu xi seduti mill-perit legali gdida, ma awtorizzatx lill-imsemmi Dr. Malcolm Pace jipprezenta r-relazzjoni tieghu;

Rat li l-provi kienu diga` ngabru mill-ewwel perit legali (li kien anke gie awtorizzat mill-partijiet biex ighaddi ghar-rapport fil-hdax-il seduta peritali mhux datata) u ghalhekk irrevokat anke l-inkarigu ta' Dr. Yana Micallaef Stafrace u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum;

Rat il-verbali kollha tax-xhieda, l-atti l-ohra relattivi u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li d-ditta Camilleri Stores kellha timporta seba' *bales* ta' *coton piece goods* skond il-polza ta' kariku Dok. A (a fol. 5). Billi hadet in konsenja hames *bales* biss, hija ghamlet *claim* mas-socjeta` assikuratrici attrici u giet rizarcita fl-ammont ta' Lm687.10 kif jirrizulta mis-*subrogation form* Dok. F (a fol. 11).

Dwar li d-ditta importatrici rceviet hames *bales* biss m'hemm l-ebda kontestazzjoni. Mid-Dok. D (a fol. 9) li jikkonsisti f'formula tad-dwana ntestata "Dikjarazzjoni ghad-dhul ta' merkanzija ghall-konsum lokali – Malta", jirrizulta li gew rilaxxati mid-Dwana lill-importatur hames *bales* biss. U mill-*cargo receipt* esebit mis-socjeta` konvenuta (Dok. ED esebit minn Emanuel Dimech fil-hdax-il seduta peritali) jirrizulta dwar il-

merkanzija in kwistjoni *highlighted* bl-isfar *"Del 5 Bales. 2 Bales not received"*. Li jrid jigi stabilit huwa jekk is-socjeta` konvenuta hijiex responsabbli ghal dan in-nuqqas.

Kif gie diversi drabi ritenut, ir-ricerka ghar-responsabbilta` hija dejjem riducibbli ghall-ezami ta' zewg mumenti fokali:

(1) meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment ghal dik li hija r-responsabbilta` ta' l-armatur, u
(2) meta l-merkanzija tigi kkonsenjata lill-importatur mid-Dwana ghal dik li hija r-responsabbilta` tal-*Cargo Handling*.

Ghaz-zewg mumenti fokali hemm il-prova dokumentarja li ghandha *juris tantum* tkun deciziva. Meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment jigi kkompilat rapport fuq l-istat li fih tinzel il-merkanzija minn abbord – it-*tally sheet*; u ghat-tieni mument, qabel il-merkanzija tohrog mid-Dwana u tigi kkonsenjata lill-importatur, dan jirrilaxxja certifikat lill-Kontrollur tad-Dwana fuq l-istat tal-merkanzija li jkun qed jircievi – l-*Gate Pass Out*. Il-partijiet ghandhom l-opportunita` *a tempo vergine* fil-kompilazzjoni ta' dawn id-dokumenti li jikkontrollaw u jippreciżaw ir-registrazzjoni ta' l-istat ta' fatt. Dawn id-dokumenti ghandhom ghalhekk ikunu prova tal-kontenut ta' dak illi gie ddikjarat. Tali prova tista' tigi ribattuta bi provi li jridu jkunu ferm konvincenti biex jigi annullat il-valur probatorju taghhom (ara per ezempju **Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Godwin Abela et noe** – citaz. nru. 325/94 – deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fil-15 ta' Gunju 1999).

Fil-kaz in ezami, il-*bales* in kwistjoni gew importati permezz tal-vapur BENNY SKOU li wasal Malta fil-25 ta' Awissu 1983. Dawn kellhom ikunu identifikati bil-marki C.S. Skond il-manifest Dok. RM2 esebit minn Reginald Micallef fis-seduta peritali ta' l-14 ta' April 1988, dawn is-seba' *bales* tghabbew fuq il-vapur. Mill-ittra datata 9 ta' Mejju 1986 rilaxxata mis-socjeta` O. F. Gollcher & Sons Ltd., l-agenti tal-vapur (Dok. RM3 ukoll esebit minn Reginald Micallef fl-istess seduta peritali), gie dikjarat li *"8 bales were discharged ex ship's rails, i.e. 1 bale resulted over in dispute"*. Mit-*tally sheets* esebiti (kemm dawk tas-socjeta` konvenuta Dok. AAA1, AAA2 u AAA3 esebiti minn A. Agius ghas-socjeta` konvenuta fis-seduta peritali tat-23 ta' Gunju 1986, u kif ukoll dawk tas-socjeta` O.F. Gollcher & Sons Ltd. Dok. RM1 esebiti minn Reginald Micallef fis-seduta peritali ta' l-14 ta' April 1988) jirrizulta li bl-indikazzjoni C.S. tnizzlu disa' *bales* u mhux tmienja. Hadd mix-xhieda ma ta jew ma seta' jaghti xi spjegazzjoni ghal dawn id-diskrepanzi.

Is-socjeta` konvenuta qed tippretendi li minhabba diskrepanza (fin-nota ta' osservazzjonijiet ipprezentata fid-19 ta' April 1993 tirreferi ghall-*joint tally sheets* u tghid li dawn jindikaw li tnizzlu tmien balal) t-*tally sheets* ghandhom jitqiesu bhala hziena u li ghalhekk hija ma tistax titqies responsabbli ghan-nuqqasijiet. Il-Qorti ma tikkondividix din il-fehma.

Kif diga` nghad, mill-manifest jirrizulta li l-*bales* kollha relattivi ghall-konsenja in kwistjoni tghabbew fuq il-vapur. Dan huwa kkonfermat mill-polza ta' kariku relattiva (Dok. A a fol. 5) li fuqha ma tirrizulta l-ebda rimarka. L-awtenticita` tat-*tally sheets* ma gietx kontestata. *On the face of it* dawn juru li mhux talli waslu s-seba' balal izda li gew *tallied* tnejn zejda. Is-socjeta` konvenuta ma gabet l-ebda prova li tipprova l-kontra ta' dak li *on the face of it* t-*tally sheets* kienu jipprovaw. Ara f'dar-rigward l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kummercjali fil-kawza fl-ismijiet **Edwin Mirabelli noe vs Salvino Sullivan et noe** deciza fl-24 ta' April 1985 (Vol. LXIX.ii.334) u li ghaliha s-socjeta` attrici taghmel riferenza fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha.

Ghaldaqstant is-socjeta` konvenuta ghandha titqies responsabbli ghan-nuqqasijiet riskontrati u ghandha thallas lis-socjeta` attrici l-ammont mitlub ta' Lm687.10.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti nomine, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghan-nuqqas fuq indikat, u
(2) tikkundanna l-istess socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm687.10 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna D/Registratur